## 15 ta' Frar, 1957

### Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Vincent Cachia *versus* Carmelo Cachia et.

**Testment — Impunjazzjoni — Qerq — Vjolenza — Inkapaċità Mentali — Kaptazzjoni u Suġġestjoni — Kunsens — Nullità — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 1024(1) u 1021 tal-Kodiċi Ċivili**

*F'kawża fejn jiġi mpunjat testment għaliex dan "sar fuq żegħil u/jew qerq tal-konvenuti li approfittaw ruħhom mill-istat mentali defiċjenti tat-testatur u/jew fuq pressjoni eżerċitata fuq it-testatur minn ħadd ieħor, b'mod li l-volontà tat-testatur kienet għall-anqas vizzjata", din il-premessa, rettament interpretata, għandha titqies fis-sens illi t-testatur kien fi stat mentali debboli, u mħabba f'hekk il-pretiż żegħil u qerq da parti tal-konvenuti, u pressjoni da parti ta' ħadd ieħor, kellhom l-effett li huwa, mingħajr ma ried, ġie kostrett jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji mpunjati, li fuq dan il-motiv l-attur isostni li huma nulli u ta' ebda effett minħabba nuqqas jew vizzju tal-kunsens da parti tat-testatur. U hija fuq dik il-kawżali biss li f'kawża simili tiġi qegħedha tintalab id-dikjarazzjoni tan-nullità tat-testment, u mhux anki fuq il-kawżali tal-inkapaċità assoluta tat-testatur, billi din l-aħħar kawżali ma tinsabx dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni, u lanqas tista' tiġi ritenuta kompriża jew involuta; għax l-impunjazzjoni ta' testment minħabba kaptazzjoni jew suġġestjoni tippresupponi l-kapaċità tat-testatur, u għalhekk hija kontradittorja mal-impunjazzjoni minħabba inkapaċità assoluta. Għaldaqstant l-impunjazzjoni għandha titqies limitata għall-motiv ta' qerq u vjolenza li mħabba fihom ġie vizzjat il-kunsens tat-testatur.*

*L-għemil doluż jew qerq huwa motiv ta' nullità meta l-inganni wżati jkunu tali li mingħajrhom it-testatur ma kienx jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji mpunjati. In kwantu għall-vjolenza, din, biex tivvizzja l-kunsens, trid tkun tali li tagħmel impressjoni fuq persuna raġjonevoli, u ġġiegħla tibża' li hija jew ħwejjiġha jiġu esposti inġustament f'perikolu ta' ħsara kbira, meħudin in konsiderazzjoni l-età, is-sess u l-kondizzjoni ta' dik il-persuna, b'mod li t-testatur ma kienx liberu li jagħżel u jagħmel dak li kien jixtieq, imma, biex jevita l-minaċċja ta' dannu gravi kif fuq speċifikat, jagħżel u jagħmel dak li jrid ħadd ieħor.*

*Billi t-testatur jagħmel dak li xtaqet persuna oħra, u biex jikkuntentaha, ma jistax jiġi ritenut li hu għamel it-testment kontra l-volontà tiegħu u mħabba vjolenza fuqu eżerċitata. Biex l-impunjativa tirnexxi, hemm bżonn jirriżulta li l-volontà tat-testatur ġiet b'xi mod alterata b'qerq jew bi vjolenza, u illi t-testatur ma kienx jiddisponi fit-testment kif iddispona kieku ma kienx l-iżball li sab ruħu fih minħabba l-vjolenza li ngannatu.*

*Jekk it-testatur, wara li għamel it-testment, iddispjaċieh, dan ma jfisserx li meta għamel it-testment kien vjolentat jew ingannat, jew li l-volontà tiegħu kienet b'xi mod alterata. Jekk verament it-testatur iddispjaċieh, huwa kellu r-rimedju li jagħmel testment ieħor; u jekk testment ieħor ma għamelx, il-volontà libera tiegħu fil-ħin li għamel it-testment ma setgħetx tiġi mħassra jew vizzjata b'resipixxenzi li setgħu ġraw wara.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur talab li, wara li tkun premessa kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni, u mogħtijin il-provvedimenti meħtieġa, peress illi fid-9 ta' Jannar 1948 miet Emmanuele Cachia (dok. A), missier l-instanti u l-konvenut Carmelo Cachia; u peress illi l-istess Emmanuele Cachia, b'testment "unica charta" għand in-Nutar Giovanni Azzopardi tat-2 ta' Diċembru 1932, kien ħalla lill-instanti werriet tiegħu kwantu għan-nofs tan-nuda proprjetà (u finnofs l-ieħor lill-konvenut Carmelo Cachia), fil-waqt li b'testment ieħor għand in-Nutar Victor Bisazza tat-2 ta' Novembru 1947 dina l-istituzzjoni ta' eredi ġiet mibdula fis-sens illi lill-instanti ġie mħolli t-terz biss tal-istess nuda

proprjetà, u fiż-żewġ terzi l-oħra ġew istitwiti eredi l-konvenuti, terz kull wieħed; u peress dan it-tieni testment sar fuq żegħil u/jew qerq tal-konvenuti, li approfittaw ruħhom ukoll mill-istat mentali defiċjenti tat-testatur, u/jew fuq pressjoni eżerċitata fuq it-testatur minn ħadd ieħor, b'mod li l-volontà tal-istess testatur kienet għall-anqas vizzjata; (1) jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti li t-tieni testment fuq imsemmi, magħmul minn Emmanuele Cachia fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-2 ta' Novembru 1947, huwa null u ta' ebda effett minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-volontà tat-testatur, kif jiġi pruvat waqt il-kawża, u għalhekk is-suċċessjoni tiegħu għandha tkun regolata mill-ewwel testment tiegħu, fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tat-2 ta' Diċembru 1932; u (2) il-konvenuti, f'kull każ, jiġu dikjarati inkapaċi li jissuċċiedu għall-istess Emmanuele Cachia minħabba indenjità, skond l-art. 642 (c) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-24 ta' Ottubru 1956, li biha ġew respinti t-talbiet, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi b'testment "unica charta" fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tat-2 ta' Diċembru 1932 il-mejjet Emmanuele Cachia, fost dispożizzjonijiet oħra, ħalla lill-attur, ibnu, werriet tiegħu fin-nofs tan-nuda proprjetà, u fin-nofs l-ieħor lill-ibnu l-konvenut Carmelo Cachia; u b'testment fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-2 ta' Novembru 1947 dina l-istituzzjoni ta' eredi ġiet mibdula, billi l-istess testatur ħalla lill-attur it-terz biss tal-istess nuda proprjetà, u istitwixxa eredi fiż-żewġ terzi l-oħra lill-konvenuti f'terz kull wieħed. Hu miet fid-9 ta' Jannar 1948;

Illi, kwantu għall-kawżali taċ-ċitazzjoni, il-konvenut jallega li t-testment fuq imsemmi huwa null minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-volontà tat-testatur; u dana billi jippretendi li dan it-testment sar fuq żegħil u/jew qerq tal-

konvenuti, li approfittaw ruħhom ukoll mid-defiċjenza mentali tat-testatur, u/jew li sar fuq pressjoni eżerċitata fuq it-testatur minn ħadd ieħor;

Illi, għal dak li jirrigwarda l-portata tat-terminu "pressjoni", użat fiċ-ċitazzjoni, għandu jingħad illi din l-espressjoni tista' tiġi riferita għall-qerq jew għall-vjolenza, iżda weħedha la tfisser qerq u lanqas vjolenza. Kif inhi adoperata fiċ-ċitazzjoni, għalkemm tista' tiġi kunsidrata in relazzjoni għall-qerq pretiż mill-attur, ma tistax tammonta għall-kawżali ta' vjolenza għall-finijiet tad-domanda. Tabilħaqq, biex ikun hemm vjolenza ġuridika, huwa meħtieġ li tiġi adoperata kondotta għar-rigward tat-testatur li, b'konsiderazzjoni tal-każ konkret, tkun ta' natura tali li fuq persuna raġjonevoli tkun tista' tinkuti l-biża ta' dannu gravi. Għall-finijiet proċedurali, mbagħad, hu meħtieġ li l-vjolenza tiġi dedotta b'mod espress u ċar fl-att stess taċ-ċitazzjoni. F'dan il-każ, il-vjolenza mhix dedotta bħala kawżali; u t-terminu "pressjoni" adoperat mill-attur huwa vag u ekwikvoku, u ma jissodisfax l-eżiġenzi proċedurali f'dan ir-rispett;

Illi, kwantu għad-difiċjenza mentali allegata fl-istess ċitazzjoni, anki din ma tammontax għal kawżali ta' inkapaċità tat-testatur li jagħmel l-imsemmi testment. Mhux kull defiċjenza jew indeboliment mentali jwassal għall-inkapaċità ġuridika tat-testatur. Biex dina d-defiċjenza twassal għall-inkapaċità trid tkun tali, bħala infermità mentali, li timpedixxi lit-testatur, fil-waqt tat-testment, milli jkollu "cognizione di causa" u kuxjenza tal-atti tiegħu, jiġifieri trid tkun assoluta. L-attur fiċ-ċitazzjoni ddeduċa l-allegata defiċjenza mentali tat-testatur mhux bħala inkapaċità, għax dan ma qalux, imma bħala ċirkustanza li minnha l-konvenuti suppost approfittaw ruħhom biex ikunu jistgħu jużaw qerq fuq it-testatur;

Illi, għalhekk, l-unika kawżali dedotta a bażi tal-azzjoni hi dik tal-qerq, u f'dan ir-rigward biss tista' tiġi kunsidrata t-talba tal-attur;

Illi l-qerq jikkonsisti f'dawk il-maneġġi frawdolenti li bihom jiġi nfluwenzat l-animu tat-testatur, u bihom tiġi karpita dispożizzjoni testamentarja li diversament hu ma kienx jagħmel; u l-forma li l-qerq jassumi konkretament tvarja skond l-inġenjożità tal-bniedem. Iżda biex iwassal għall-vizzju tal-volontà u għan-nullità relattiva ta' dispożizzjoni testamentarja, il-qerq irid ikun inġust, gravi u determinanti. Hekk il-Qorti tal-Appell ta' Perugia (Giuris. It., 1874, 2,60):— "Tutto ciò che agisce sull'intelligenza del testatore e ne falsa i concetti, ne corrompe i giudizi, insinuandogli delle idee, facendogli adottare delle risoluzioni che egli, lasciato a sè stesso, sarebbe stato ben lungi dall'adottare, tutto ciò che con male arti, con riprovevoli blandizie, è diretto a conciliare l'altrui benevolenza affine di conseguire quelle liberalità che altrimenti non si sarebbero ottenute, tutto questo complesso di cose costituisce l'essenza della suggestione e della captazione dolosa, ed è causa di nullità dei testamenti, rispetto ai quali stanno i predetti vizi come ai contratti la violenza e la frode";

Iżda, kull kura, żegħil, attenzjoni, suġġerimenti, insistenzi, li ma jkunux akkompanjati minn "male arti", minn artifizi riprovevoli, ma jikkostitwux il-qerq; għax l-essenza tal-qerq tikkonsisti preċiżament f'dik is-suġġestjoni li bħala effett tal-ingann tissoġġjoga l-volontà ta' min isofriha. Hekk Papiniano (Leg. 3 Dig):— "Virum, qui non per vim nec dolum, quodminus uxor contra eum, mutata voluntate, codicillos faceret intercesserat, sed (ut fieri adsolet) offensam segere mulieris maritali sermone placaverat, in crimen non incidisse respondi, nec ei quod testamento fuerat datum suferendum";

Illi, bħala għajnuna għall-valutazzjoni psikjatrika tal-provi, dik il-Qorti, b'digriet taż-17 ta' Frar 1956, innominat lit-Tabib Dr. Paul Cassar biex jirrelata fuq l-istat mentali tat-testatur relattivament għat-testment in kwistjoni. B'relazzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 1956, il-perit wasal għal dawn il-konklużjonijiet, li, għalkemm jirrigwardaw il-kapa-

ċità tat-testatur fil-mument tat-testment, iservu għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-qerq kif preżentata mill-atturi: li t-testatur kien immanifesta sporadikament xi disturbi mentali, sija qabel u sija wara t-testment; illi però ma hemmx provi suffiċjenti għal dak li jirrigwarda l-gravità tal-infermità mentali, u provi preċiżi u rigorużi, għal dak li jirrigwarda ż-żmien, li fil-waqt tat-testment, jew fil-ġranet prossimi, it-testatur kien affett serjament minn insanità mentali li rrendietu inabili li jifforma idea ċara tad-drittijiet u doveri tiegħu, li jifhem l-importanza u l-konsegwenzi tal-atti tiegħu, jew li vvizzjatlu l-volontà tiegħu b'mod li rrendietu inkapaċi li jagħmel it-testment fuq imsemmi;

Illi rriżulta li d-decujus, li miet ta' 74 sena u disgħa xhur, kien wera xi fenomeni mentali, riferibbli, kif qal il-perti, għall-kamp mnemoniku u perċettiv, billi kien qal li xtaq iżur jew li kellu viżiti minn familjari tiegħu li kienu ilhom mejtin, u xi drabi kien qal li ra lill-ommu ma' ġenbu. Skond ix-xhud Dolores Cachia, xi xahar jew tnejn qabel miet hu kien jinsa xi ismijiet, anki ta' martu, iżda fil-pront kien jintebaħ; huwa però qatt ma kien ikollu skatti ta' biki jew daħq barra minn loku, u qatt ma esprima ideat persekutorji jew ta' grandezza. Skond ix-xhieda tal-Perit Joseph Cachia Fearne, neputi tiegħu, id-decujus qatt ma tilef mir-raġuni, u kien jirrispondi għat-ton. Ix-xhud iddeskrivieħ "strong willed", li, jekk kien irid jew jixtieq xi ħaġa, ma kienx iċedi qabel ma jottjeniha, u li baqa' ta' dan in-natural sa l-aħħar ta' ħajtu. Xi ġranet qabel miet baqa' jirrifjuta jagħti xi flus lill-ibnu qabel ma dana jipproduċi l-kontijiet. Giovanni Sciclune, li kien jaf sewwa lit-testatur, xehed li anki meta ma kienx jiflaħ kien għad għandu l-awtorità tiegħu sħieħa, kif jidher ukoll mill-komportament tiegħu waqt it-testment, kif irriferixxa n-Nutar Victor Bisazza. Mart id-decujus iddeskrivietu bħala raġel ta' rasu, li kien irid kollox kif irid hu; u Pio Pisani, xhud tal-attur stess, xehed li kien ftit testard, u dak li jgħid hu kien jgħaddi;

Ir-Reverendu Padre Domenico Borg xehed li d-decujus kien staqsieh kemm kienet tiswa fondazzjoni ta' quddies in perpetwu fil-ġimgħa, u li meta qallu l-ammont huwa qata' qalbu u ma għamel xejn. Skond ma xehed l-attur, xi sitt ijiem qabel ma miet, it-testatur kellu żjara minn għand Carmelo Cutajar; u meta dan kellmu fuq żewġt idjar li l-attur kien irranġa, u osservalu kemm kienu ġew sbieħ, it-testatur staqsieh kemm kienu ntefqu flus u kemm kien għad fadal x'jitħallas tax-xogħol; u matul il-konversazzjoni fuq dan is-suġġett għal tul ta' kwarta, it-testatur ma żbaljax fid-diskors. L-imsemmi Giovanni Scicluna, li kien wieħed mix-xhieda tat-testment, sama' lit-testatur jiddetta hu t-testment, u qal:— "Anzi ngħid li kien f'sensieh sewwa; u meta n-nutar qralu dak li huwa qal li ried jagħmel, ma esprimiex xi oppożizzjoni ta' xi ħaġa oħra, jew qal xi kliem ieħor li bih bniedem seta' jaħseb li hu ma riedx dak li kien qiegħed jaqralu n-nutar". It-testatur qal lill-martu biex tħallas lin-nutar u tagħtieh grog, u mbgħad wasslu salantiporta. It-tabib kuranti tiegħu, Dr. Navarro, xehed li wara ma rriskontrax xi rammolliment ċerebrali fit-testatur. Giovanni Scicluna, il-fiduċjarju tat-testatur, xehed ukoll li darba l-mara tat-testatur kienet uriet miegħu li riedet li t-testatur idaħħal lill-oħtha, il-konvenuta, fil-wirt, u li kienet qalet li jekk ma jdaħħalhiex ma tiffirmalux it-testment, u illi qabel it-testment id-decujus kien qallu li jekk idaħħal lill-konvenuta fil-wirt ibnu l-attur ibati, għax lill-ibnu l-ieħor, il-konvenut, kien diġa' ħafirlu dejn ta' £350, u li wara t-testment huwa kien ilmenta miegħu li aħjar ma għamlux;

Illi rriżulta li fl-aħħar sena ta' ħajtu l-konvenuta kienet tmur darbtejn u anki aktar kulljum, iddur bit-testatur; u dana, peress li martu kienet ma tantx tisma, kien irid li l-konvenuta tirċievi hi l-preskrizzjonijiet tat-tabib. Irriżulta wkoll li t-testatur ried li wara mewtu, martu, ta' età avanzata, ma tibqgħax weħedha, u li oħtha tibqa' magħha;

Illi l-kumpless tal-provi juri li, għalkemm it-testatur kien sporadikament jimmanifesta indeboliment mentali

(bħal meta tliet ijiem qabel miet ried joħroġ biex imur Bormla bl-iżveljarin f'idu), kif hu mistenni minn nies taletà tiegħu, hu però ma kellux kambjament tal-personalità, u baqa' awtoritarju sa l-aħħar ġranet ta' ħajtu. Dam għaxar tijiem biss fis-sodda qabel mewtu, u beda jewden biss meta kien bil-griżma. Minn naħa l-oħra, l-attur, li għandu fuqu l-piż tal-prova, ma ppruvax li kien hemm qerq da parti tal-konvenuti jew ħadd ieħor, użat fuq it-testatur biex idaħħal fil-wirt lill-konvenuta. Ebda element ta' prova ma rriżulta li kien hemm makkinazzjoni, raġġiri jew frode fuq it-testatur, u li l-mod kif iddispona minn ħwejġu ma jirrispekkjax il-volontà tiegħu libera u koxjenti. L-attur sostna li mhix ħaġa naturali li missier inaqqas mill-kwota ereditarja li jkun qabel ħalla lill-ibnu biex jiffavorixxi persuna estranea, għalkemm oħt it-tieni mara tiegħu. Iżda kambjament simili fil-volontà tat-testatur ma jfisserx l-adoperament ta' qerq; mhux biss għax dak li jista' jidher stramb għal ħadd ieħor jista' jkollu l-ġustifikazzjoni tiegħu, imma wkoll għax f'dan il-każ it-testatur ried minn naħa waħda jibbenefika lill-oħt martu, li daret bih kontinwament, u minn naħa l-oħra ried jassikura li martu, fl-aħħar ta' ħajjitha, wara li jmut hu, ma tibqgħax weħedha. Kull suġġeriment, jew anki insistenza, żegħil jew attenzjoni, li seta' kien hemm da parti tal-mara tat-testatur jew ta' oħtha, l-konvenuta, jew ta' żewġ dina, il-konvenut, ma jikkostitwux qerq taħt forma ta' kaptazzjoni jew suġġestjoni, u ma jwasslux għan-nullità tat-testment in kwistjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi konsegwentement jiġu akkolti d-domandi tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant qiegħed jibbaża d-domandi tiegħu dedotti bl-att taċ-ċitazzjoni fuq il-premessa li t-testment in atti Victor Bisazza tat-2 ta' Novembru 1947, "sar fuq żegħil, u/jew qerq tal-konvenuti, li approfittaw ruħhom ukoll mill-istat mentali defiċjenti tat-testatur, u/jew fuq pressjoni eżerċitata fuq it-testatur minn ħaddieħor, b'mod li l-volontà tal-istess testatur kienet għall-anqas vizzjata"; u bl-ewwel domanda ġie mitlub li "l-imsemmi testment jiġi dikjarat null u ta' ebda effett minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-volontà tat-testatur", mentri bit-tieni domanda qegħedha tintalab id-dikjarazzjoni tad-dekadenza tal-konvenuti, skond l-art. 642 (c) tal-Kodiċi Ċivili;

Rettament interpretata, il-premessa fuq riportata għandha tiftiehem li t-testatur kien ta' stat mentali debboli, u mħabba f'hekk, il-pretiż żegħil u qerq da parti tal-konvenuti, u pressjoni da parti ta' ħadd ieħor, kellhom l-effett li huwa, mingħajr ma kien ried, ġie kostrett jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji in kwistjoni, li fuq dan il-motiv l-appellanti jsostni li huma nulli u ta' ebda effett minħabba nuqqas jew vizzju tal-kunsens da parti tat-testatur. Hija fuq dik il-kawżali biss li f'dan il-ġudizzju qegħedha tintalab id-dikjarazzjoni tan-nullità tat-testment fuq imsemmi, u mhux anki fuq il-kawżali tal-inkapaċità assoluta tat-testatur, billi din l-aħħar kawżali ma tinsabx dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni; u lanqas tista' tiġi ritenuta kompriża jew involuta, billi, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1926 in re "D'Anastas vs. D'Anastas" (Vol. XXVI-I-498), "l'impugnazione del testamento per captazione e suggestione presuppone la capacità del testatore, e quindi contraddice alla impugnazione per incapacità assoluta";

Ikkunsidrat;

Illi, fissati t-termini tal-kontestazzjoni, l-impunjazzjoni avanzata mill-appellant għandha titqies limitata għall-motiv ta' qerq u vjolenza, li mħabba fihom ġie vizzjat il-kunsens tat-testatur. Għalkemm il-kelma "pressjoni" tin-

sab improprjament użata, iżda mill-kumpless għandu jiġi deżunt li tfisser "vjolenza", anki għar-raġuni ta' ekwipollenza bejn iż-żewġ vokabboli, billi jista' jkun hemm vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi indebita;

Ikkunsidrat;

Illi, skond il-prinċipji ġenerali tal-obligazzjonijiet regolanti l-vizzji tal-kunsens, l-għemil doluż jew qerq huwa motiv ta' nullità meta l-inganni wżati jkunu tali li mingħajrhom it-testatur ma kienx jagħmel id-dispożizzjoni testamentarja mpunjata (art. 1024 (1) Kod. Ċiv.). Fi kliem ieħor, dawk l-inganni għandhom ikunu tali li jinfluwenzaw lit-testatur biex jagħmel dak li mingħajrhom huwa ma kienx jagħmel. U biex il-vjolenza tivvizzja l-kunsens, trid tkun tali li tagħmel impressjoni fuq persuna raġjonevoli, u ġġiegħelha tibża li hija jew ħwejjiġha jiġu esposti nġustament f'perikolu ta' ħsara kbira, meħudin in konsiderazzjoni l-età, is-sess u l-kondizzjoni ta' dik il-persuna (art. 1021 Kod. ċit.);

L-istat mentali tat-testatur fil-każ in eżami jista' jiġi meħud in konsiderazzjoni biss in kwantu l-allegati qerq u vjolenza setgħu jirriflettu u jinfluwixxu fuq dik il-kondizzjoni mentali tiegħu. Skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 1021 tal-Kodiċi Ċivili, il-kunsens jiġi vizzjat minħabba vjolenza fil-każi hemm kontemplati u fuq riferiti, billi f'dik l-evenjenza dak li jkun ma jkunx liberu li jagħżel jew li jagħmel dak li jixtieq, iżda biex jevita dannu gravi lill-persuna tiegħu, jew lill-parenti prossimi tiegħu, jew lill-konjuġi tiegħu, jew lill-ħwejġu, jagħżel u jagħmel dak li jrid ħadd ieħor, u konsegwentement tonqos il-libertà fl-azzjoni tiegħu, li għalhekk ma tista' qatt tkun volontarja;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rriżulta li t-testatur Emmanuele Cachia, miet fid-9 ta' Jannar 1948 (fol. 6) fl-età ta' 74 sena u disgħa xhur, jiġifieri xahrejn u ġimgħa wara li għamel it-testment impunjat. Huwa kien sa l-aħħar ta' natura aw-

toritarja, u meta kien ikun irid xi ħaġa ma jistriehx qabel jottjeniha; kien igerger għal kull ħaġa ta' xejn, u ġie li kellu xi jgħid ma' ibnu, il-konvenut Carmelo, iżda mhux fuq affarijiet ta' importanza; u malajr kien jgħaddilu. Skond ix-xhieda ta' Giovanni Scicluna, li kellu ċerta intimità mat-testatur, li kien wieħed mix-xhieda fit-testment impunjat (fol. 36), kienet il-mara tat-testatur li pperswadiet lill-żewġha biex idaħħal lill-konvenuta fit-testment u li ma riedetx tiffirma t-testment "unica charta" jekk huwa ma jagħmelx hekk. Qabel it-testment, it-testatur kien qal lill-imsemmi Scicluna li jekk idaħħal lill-konvenuta fit-testment l-appellant jiġi ibati, għax lill-ibnu l-ieħor, il-konvenut, kien diġa' ħafirlu dejn ta' £350, u wara t-testment qallu li aħjar ma għamlux. Irriżulta wkoll li matul l-aħħar sena tal-ħajja tat-testatur il-konvenuta kienet tiffrekwenta assidwament id-dar tiegħu u tippresta s-servizzi tagħha. Billi martu hija difettuża fis-smiegħ, it-testatur kien irid lill-konvenuta tkun preżenti biex tieħu l-preskrizzjonijiet tat-tabib, u xtaq li l-istess konvenuta tkompli tassisti lill-martu ta' età avanzata anki wara l-mewt tiegħu. Ma saret ebda prova li kien hemm xi inganni da parti tal-konvenuti, jew ta' ħadd ieħor, li setgħu nfluwenzaw lit-testatur meta ddetta t-testment impunjat;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ingħad fuq, hemm il-vjolenza li tivvizzja l-kunsens meta t-testatur ma jkunx liberu li jagħżel u jagħmel dak li jixtieq, imma biex jevita l-minaċċja ta' dannu gravi, kif fuq speċifikat, jagħżel u jagħmel dak li jrid ħadd ieħor. Iżda, kif irriteniet din il-Qorti fit-22 ta' Mejju 1931 in re "Tirchett vs. Mangion" (Vol. XXVIII-I-74), "da tale stato si deve ben discernere l'animo di colui che, pur divisando di fare una data operazione, viene spinto o persuaso a fare altra diversa al fine di accontentare chi lo persuade, come quando trattasi di coniugi: l'una delle volte, pur desiderando di fare una cosa, sceglie l'altra per assecondare la volontà dell'altro coniuge. Quell'atto sarebbe liberamente

voluto da chi l'avesse compiuto. Nè vale il dire daparte di chi l'avesse così eseguito, che ciò compì contro la propria volontà; poichè egli in quel momento fu libero di scegliere quell'atto o uno diverso, ma solo scelse quello per contentare, come nel caso, la moglie, e per vivere in pace e non avere dei contrasti con lei. Cio però non può mai assurgere a quella violenza morale o timore richiesto dalla legge";

Dan jadatta ruħu perfettament għall-każ in kwistjoni u għaċ-ċirkustanzi li kkontribwew biex it-testatur jersaq għat-testment impunjat; anzi hu applikabbli "a fortiori", peress li fil-każ ċitat ġew addotti fatti ta' rilevanza ferm akbar milli f'dan il-każ. Ma jistax, għalhekk, jiġi ritenut li t-testatur għamel dak it-testment kontra l-volontà tiegħu minħabba vjolenza fuqu eżerċitata, billi huwa għamel hekk għax xtaqitu martu u ried jikkuntentaha. L-appellant issottometta li bilfors kien hemm qerq jew vjolenza biex ittestatur, a preferenza u b'dannu tal-istess appellant, ibbenefika lil mara barranija, għalkemm mart ibnu l-ieħor, biddispożizzjonijiet testamentarji mpunjati. Iżda, apparti li ttestatur seta' kellu raġunijiet oħra biex jagħmel hekk, flassenza ta' provi ta' qerq u vjolenza, jew wieħed minnhom, fuq it-testatur meta għamel it-testment impunjat, dik issottomissjoni tal-appellant tirrivela ruħha inaċċettabbli;

Ikkunsidrat;

Illi l-kriterju li għandu jiġi segwit biex il-pretensjoni tal-appellant tista' tiġi aċċettata huwa "che le cause che alterano la volontà del disponente siano tali che il testatore non avrebbe fatto la disposizione se non vi fosse stato tratto nell'errore in cui si trovava dalle violenze che l'hanno ingannato" (Laurent, Vol. II, p. 127). F'dan il-każ, għarraġunijiet iżjed il-fuq rilevati, ma jistax jingħad li l-volontà tat-testatur ġiet b'xi mod alterata b'qerq jew bi vjolenza; u l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni anki wara li ħadet in konsiderazzjoni l-età u l-kondizzjoni tat-testatur;

Konsegwentement, it-testatur għamel it-testment impunjat liberament u volontarjament; u jekk wara huwa ddispjaċieh li għamlu, dan ma jfisserx li meta għamlu kien jinsab vjolentat jew imqarraq, jew li l-volontà tiegħu kienet tinsab b'xi mod alterata. Jekk verament it-testatur ħass dak id-dispjaċir, huwa kellu r-rimedju li jagħmel testment ieħor — ħaġa li ma għamelx. Il-volontà libera tat-testatur fil-ħin li għamel it-testment ma setgħetx tiġi mħassra jew vizzjata b'resipixxenzi li setgħu ġraw wara;

Ikkunsidrat;

Illi dwar sottomissjonijiet oħra tal-appellant fuq l-inkapaċità assoluta tat-testatur, din il-Qorti mhix sejra tittrattjeni ruħha; għaliex, kif ġie rilevat fil-bidu ta' din is-sentenza, dik il-kawżali ma ġietx dedotta f'dan il-ġudizzju, u għalhekk ma tistax tittieħed konjizzjoni tagħha;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk tal-Ewwel Qorti, safejn kompatibbli;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.